# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Hamis tnax (12) taʼ Jannar 2017**

**Rikors Numru 70/15 FDP**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C 2833)**

**vs**

**Angelo u Elizabeth mizzewgin Agius (ID 1035845M u 1023446M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-24 ta' Frar 2015 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsuha s-somma ta' hamest elef, hames mija u tletin Euro, u sebgha u tmenin centezmu (€5,530.87), ghad-debitu ta' Loan Account taghhom mas-socjeta riokorrenti, flimkien mal-imghax mit 18 ta' Frar 2015 'l quddiem u bl-ispejjez, inkluz tal-Ittra Ufficjali datata 2 ta' Settembru 2014.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti.

Rat l-eccezzjonijiet ta' Elizabeth Agius ippresentati fl-10 ta' April 2015 fejn sahqet illi hija ma ghandha taghti xejn lis-socjeta rikorrenti peress illi qatt ma ghamlet loan account u ir-ragel taghha, Angelo Agius, illi mieghu ghaddejin proceduri ta' separazzjoni, kien ottjena facilita minghajr ma qatt tat il-kunsens taghha l-intimata Elizabeth Agius.

Rat l-eccezzjonijiet ta' Angelo Agius ippresentati fis 27 ta' Mejju 2015 fejn sahaq illi t-talba tas-socjeta rikorrenti kienet infondata peress illi huwa dejjem hallas dak li kien minnu dovut u ma' kien hemm ebda tibdil materjali fic-cirkostanzi tieghu li kienu ser jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas bir-rizultat illi s-socjeta rikorrenti ma kellha ebda dritt illi ccahhaddlu l-beneficcju tat-terminu biex ihallas il-bilanc.

Rat l-affidavit ta' **Mary Grace Perrone**, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, ippresentat fil 15 ta' Ottubru 2015 (fol 32) flimkien mad-dokumentazzjoni kollha relattiva in sostenn tal-fatti kif indikati fl-affidavit.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-intimata Elizabeth Agius fit 18 ta' Jannar 2016 fejn ikkonfermat illi fuq is-sanction letters datati 12 ta' Lulju 1995, 19 ta' Dicembru 1995 u 27 ta' Frar 1996 (fol 42-44), hemm il-firma w il-kunsens taghha lill-Bank socjeta rikorrenti ghal-facilitajiet bankarji meritu tal-kawza odjerna.

Rat illi fit 18 ta' Jannar 2016 is-socjeta rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda, in ezami w kontro ezami, ta' l-intimat **Angelo Agius**, moghtija fl-14 ta' Marzu 2016, fis 27 ta' Gunju 2016 u fl-24 ta' Ottubru 2016 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni ippresentata minnu.

Semghet ix-xhieda, in ezami w kontro ezami, ta' l-intimata **Elizabeth Agius**, moghtija fl-24 ta Ottubru 2016 u fl-1 ta' Dicembru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Rat illi fl-1 ta' Dicembru 2016 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fl-1 ta' Dicembru 2016, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fit-30 ta' Ottubru 1987, l-intimat Angelo Agius, meta kien gia mizzewweg ma' l-intimata martu Elizabeth Agius, inghata facilita' bankarja ta' '*Overdraft'* mas-socjeta rikorrenti, liema facilita' giet regolarment mgedda minghajr ebda problema da' parte tas-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta illi fid-19 ta' Dicembru 1995, hekk kif is-socjeta rikorrenti gharrfet lill-intimat Angelo Agius illi l-facilita' originalment moghti lilu kien gie rinnovat, intalbet il-firma ta' l-intimata Elizabeth Agius, in vista ta' tibdiliet maghmulha fil-Ligi abbazi tal-Att XXIII tas-sena 1993, u l-intimata Elizabeth Agius iffirmat tali dokument (fol 43), liema firma hija kienet gia tat precendentement f'ittra ohra datata 12 ta' Lulju 1995 (fol 42). L-istess gara f'ittra ohra, datata 27 ta' Frar 1996.

Jirrizulta illi l-intimata Elizabeth Agius kellha access regolari ghall-kont bankarju meritu tal-kawza odjerna, u kienet regolarment tigbed il-flus minnu.

Jirrizulta illi, mument minnhom, l-intimati Angelo u Elizabeth Agius bdew proceduri ta' separazzjoni bejniethom w, filwaqt illi l-intimata Elizabeth Agius bdiet tinsisti illi l-kont bankarju kien gie mgedded minghajr il-kunsens taghha, l-intimat Angelo Agius beda jinsisti illi huwa ma jhallasx il-bilanc dovut lill-Bank peress illi l-flejjes intuzaw mill-intimata Elizabeth Agius u ghalhekk kellha thallas kollox hi.

Jirrizulta illi ghalkemm saru diversi laqghat, is-socjeta rikorrenti baqghet ma setghetx tigbor dak illi huwa lilha dovut legalment, u ghalhekk kellha tniedi l-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi, a differenza ta' dak allegat mill-intimat Angelo Agius, sehhew bizzejjed tibdiliet fic-cirkustanzi ta' l-intimati li setghu ragonevolment iwasslu lis-socjeta rikorrenti

tasal ghal konkluzjoni li dana seta jaffettwa negattivament il-facilita' bankarja moghtija lill-intimati – tant inbidlet tali sitwazzjoni, illi z-zewgt partijiet bdew jirrifjutaw illi jhallsu s-somma dovuta lis-socjeta rikorrenti, u kellha titthiehed l-azzjoni odjerna.

Il-Qorti ma ghandha dubju wkoll illi l-intimata Elizabeth Agius kienet ben konsapevoli ta' dina l-facilita' bankarja, tant illi hija kienet iffirmat ghaliha hekk kif il-Ligi kienet inbidlet u kienet tat dritt lill-mara sabiex tiffirma l-atti kuntrattwali konjugali flimkien mar-ragel, u, di piu, kienet regolarment taghmel uzu minn tali kont bankarju billi tigeb il-flus minn tali kont.

Il-Qorti, finalment, tosserva illi, ghalkemm iz-zewgt intimati qieghdin jillitigaw bejniethom dwar min ghandu jhallas il-bilanc u kemm ghandhom ihallsu minnu, is-socjeta rikorrenti ma ghandha tahti xejn ghal fatt li l-intimati qed jiggieldu bejniethom, u dak illi huwa dovut lilha ghandu jithallas miz-zewgt partijiet, solidament bejniethom.

Il-Qorti, ghalhekk, ma hijiex sejjra tidhol fil-meritu ta' min, miz-zewgt intimati ghandu jhallas il-bilanc dovut lis-socjeta rikorrenti, u kemm ghandu jithallas minn kull wiehed mill-intimati, peress illi dana ma huwiex il-meritu tal-kawza odjerna izda, semmai, hija l-meritu ta' proceduri ohrajn illi gia ghandhom pendenti bejniethom l-intimati u li certament, finalment, ser tispartixxi bejn il-partijiet dak illi huwa dovut lill-xulxin.

Il-Qorti, ghalhekk, tikkonkludi, illi rrizulta ben car mill-provi prodotti, illi l-facilita' bankarja li l-hlas taghha qieghed jintalab mis-socjeta rikorrenti, kienet facilita' illi inghatat liz-zewgt intimati u li z-zewgt intimati bbenefikaw minnha, bir-rizultat illi z-zewgt intimati ghandhom ikunu responsabbli tal-hlas tieghu, flimkien mal-imghax, solidament flimkien.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti, ghalhekk, wara illi semghet u rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha taz-zewgt intimati,

**Tilqa** it-talbiet attrici, u ghalhekk

**Tikkundanna** liz-zewgt intimati, Angelo Agius u Elizabeth Agius sabiex, solidament bejniethom, ihallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hamest elef, hames mija u tletin Euro, u sebgha u tmenin centezmu (€5,530.87), flimkien mal-imghax mit-18 ta' Frar 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-proceduri odjerni, inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali datata 2 ta' Settembru 2014, ghandhom ikunu a kariku ta' l-intimati solidament bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur